**Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**It-Tnejn 21 ta' April 2014**

**9.00 *a.m.* sa 12.00 *m.d.***

**(It-tweġibiet għandhom ikunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin mogħti biex twieġeb kemm għal Taqsima A kif ukoll għal Taqsima B huwa ta' tliet sigħat)**

## Taqsima A

Wieġeb għal tlieta biss minn dawn li ġejjin billi tħejji l-atti meħtieġa u motivati għal:

1. talba biex issir referenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha għax il-klijent tiegħek igħid illi ġarrab ksur tal-jedd għat-tgawdija tal-proprjetà tiegħu kif ukoll illi saret diskriminazzjoni kontra tiegħu fit-tgawdija ta' dak il-jedd.
2. (a) talba biex kawża deċiża b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tinstema' mill-ġdid wara li titħassar dik is-sentenza għax applikat il-liġi ħażin u fiha hemm disposizzjonijiet kontra xulxin; u (b) talba biex titwaqqaf l-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata sakemm idumu għaddejjin il-proċeduri ta' ritrattazzjoni.
3. tweġiba għal azzjoni li fiha qiegħed jintalab l-iżgumbrament tal-klijent tiegħek minn fond urban wara li għalaq it-titolu ta' enfitewsi temporanja li kellu fuq il-fond.
4. talba biex jintalab il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni biex negozjant jinżamm milli jagħmel atti ta' konkorrenza illeċita bi ħsara għall-jeddijiet tal-klijent tiegħek.
5. appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili illi ikkundannat lill-klijent tiegħek iħallas €50,000 prezz ta' merkanzija mibjugħa u konsenjata għax il-klijent tiegħek igħid illi (i) il-bejgħ ma sarx lilu iżda lil soċjetà kummerċjali minnu rappreżentata, (ii) il-merkanzija ma kinitx tal-kwalità miftiehma u (iii) il-prezz mitlub huwa esaġġerat.
6. appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati illi ikkundannat lill-klijent tiegħek għal xahrejn priġunerija għax naqas milli jħallas lil martu s-somma stipulata f'kuntratt ta' separazzjoni personali bħala manteniment għaliha u għal uliedhom.

## Taqsima B

Wieġeb għal waħda biss minn dawn li ġejjin:

1. X'tifhem b'"sigriet professjonali" ta' avukat? Dan is-sigriet għandu xi limiti? X'inhi d-differenza, jekk hemm, bejn "sigriet professjonali" u "kunfidenzjalità"? Agħti eżempji.

2. Sa fejn jista', jekk jista', avukat jagħti pubblicità lill-uffiċċju professjonali tiegħu?

3. X'għandu jagħmel avukat malli: (i) jissuspetta li l-klijent li qed jippatroċina qed juża s-servizzi tiegħu għal attività li tista' tkun kriminali; (ii) jintebaħ li jista' jkollu konflitt ta' interess f'kawża jew f'inkarigu partikolari?